MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2035/2000/1

**Frank Agius**

**vs**

**Doreen Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Kappella tal-Bounpastur, Hal-Balzan fl-14 ta' Dicembru 1991 Dok. "A";

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *in oltre,* il-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-konvenuta ssimulat l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Kappella tal-Buonpastur, Hal-Balzan, fl-14 ta' Dicembru 1991 huwa null u bla effett skond il-ligi;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Dicembru 1991 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minnu prezentati minn a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-konvenuta Doreen Agius datata 30 ta' Novembru 2000, a fol. 6, li permezz taghha ddikjarat li hija taccetta t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni odjerna u li ma toggezzjonax ghan-nomina ta' kuraturi kif mitlub fir-rikors intavolat fl-istess Atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Doreen Agius, datata 3 ta' April 2001, a fol.12, fejn eccepiet bir-rispett:-

(1) Illi preliminarjament taqbel li z-zwieg taghha ma' zewgha huwa null ghar-ragunijiet premessi mill-attur fosthom:

a. li l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskoluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

b. li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

c. li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

d. li l-konvenuta simulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg;

2. Illi *in oltre* z-zwieg taghha mal-attur huwa null minhabba r-ragunijiet li hija qatt ma habbet lill-attur;

3. Illi *in oltre* l-attur ma jafx ihobb minhabba anomalija psikologika li originat fi tfulitu;

4. Illi kawza ta' dan, il-kunsens tal-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzali tieghu;

5. Illi b' riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta, datati 3 ta' April 2001, a fol. 13 u fol. 14 tal-process.

Rat il-verbal datat 14 ta' Gunju 2001, fejn il-Qorti nominat lill-avukat Dr. Sandra Sladden biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-konvenuta Doreen Agius datata 13 ta' Novembru 2001, a fol 16 tal-process.

Rat in-nota tal-attur Frank Agius datata 20 ta’ Settembru 2001, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u ta’ Sister Rosalinda Seychell.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru b’ mod regolari.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 15 ta’ April 2002, fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta ghall-15 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-konvenuta Doreen Agius datata 15 ta’ Lulju 2002, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Ottubru 2002.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Marzu 2003, fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li l-provi huma maghluqa u li l-Perit Legali Dr. Sandra Sladden qed tirredigi r-rapport.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Gunju 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden infurmat lill-Qorti li r-rapport gie prezentat.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Ottubru 2003, fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li r-rapport thallas. Il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Sandra Sladden.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Novembru 2003, fejn il-Qorti tat il-fakolta’ lill-konvenuta biex tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien erbghin (40) jum mid-data tal-verbal, b’kopja lid-difensur tal-kontroparti li jkollu erbghin (40) jum biex jirrispondi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta Doreen Agius datata 29 ta’ Dicembru 2003.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-attur datata 12 ta' Frar 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attur** fid-dikjarazzjoni tieghu xehed li beda johrog mall-konvenuta meta hija kellha hmistax (15) il-sena filwaqt li hu kellu ghoxrin sena. L-attur kien joqghod maz-zijiet tieghu *stante* illi l-genituri tieghu kienu mietu meta kellu biss seba' snin. Ftit xhur wara li bdew johorgu flimkien il-konvenuta spiccat barra d-dar ghax kellha argument ma' ommha u l-familjari tal-attur sabulha post il-Buonpastur fejn l-konvenuta baqghet tghix ghal madwar sentejn u nofs sakemm izzewgu. Il-konvenuta kienet iggennen lill-attur sabiex jiffissaw id-data tat-tieg ghax kienet imdejqa hafna bir-restrizzjonijiet tal-kunvent. Konsegwentement l-attur kien jahdem hafna sabiex igemma il-flus biex jizzewgu u ghad-dar. Matul dan iz-zmien, l-konvenuta kellha relazzjoni ma' ragel li kien jigi mill-attur u li kien izuraha fl-istitut. Il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali fit-13 ta' Awissu 2000 wara li ammettiet mall-attur li kienet ilha f'din ir-relazzjoni minn mindu kellha sittax (16) il-sena u cioe' minn ftit wara li bdiet tohrog mall-attur. L-attur issuspetta b'din ir-relazzjoni meta anki din it-terza persuna li tigi minnu ipprocediet ghal separazzjoni.

Illi fl-affidavit tieghu l-**attur** xehed illi matul l-ewwel sena li kienu johorgu flimkien kien ikollu hafna argumenti ma' hu l-konvenuta u sahansitra spiccaw ma jitkellmux. Darba fost l-ohrajn, il-konvenuta marret ghand l-attur u qaltlu li ommha keccietha mid-dar u qaltilha li trid tghazel bedjn il-familja taghha u lilu. Ghalkemm l-attur ipprova jikkonvincija tirritorna id-dar ma riditx u ghalhekk l-ghada sabulha post il-Buonpostur.

Illli huwa jghid li l-konvenuta damet l-istitut sentejn u ftit xhur u wara xi sena bdiet taghmel hafna pressjoni fuq l-attur sabiex jizzewgu halli tkun tista titlaq mill-istitut. Tant kienet taghmel pressjoni li kienet anki thedded li jekk tibqa fl-istitut tghamel suicidju. Ghalhekk l-attur xtara dar u beda jahdem fiha. Wara x-xoghol kien imur jahdem fid-dar sabiex ilestija. Il-konvenuta kienet anki bdiet tahdem gewwa fabrika. Waqt li kienet fl-istitut il-familjari tal-konvenuta qatt ma marru jarawa u qatet kull kuntatt.

Illi l-attur, dan iz-zmien kien ighix maz-ziju u zija tieghu ghax ommu kienet mietet meta l-attur kien ghad kellu seba' snin u hekk kif mietet ukoll in-nanna l-attur baqa' joqghod ma' dawn iz-zijiet. Dan iz-ziju tal-attur, Alfred Azzopardi kien offra li jmur jigbor hu lill-konvenuta wara ix-xoghol sabiex iwassalha l-Buonpastur biex b'hekk l-attur ikun jista' jahdem fid-dar. L-attur kien accetta w iz-ziju Alfred kien qallu ma jiehux hsieb ghax jiehu hsieba qisha t-tifla tieghu.

Illi l-attur kien ihossu responsabbli ghall-konvenuta ghax kienet tkecciet mid-dar minhabba fih. Kien anki ihalsilha il-mizata ta' Lm10 fil-gimgha ghalkemm l-konvenuta kienet tahdem. Kienu iffissaw id-data taz-zwieg ghal-14 ta' Dicembru 1991 ghalkemm l-attur ma kienx konvint ghax kien jara illi l-konvenuta ghada immatura hafna u li ma kinitx lesta ghaz-zwieg. Izda kull darba li kien jissugerixxi li jipposponu t-tieg il-konvenuta kienet tghidlu li xebghet fl-istitut u ma kellha imkien iehor fejn tmur toqghod ghaliex hadd mill-familajri taghha ma riduha toqghod maghhom. Ghalhekk l-attur accetta u ghamel il-preparamenti tat-tieg kollha hu.

Illi l-konvenuta ma kienet stiednet lil hadd mill-familjari taghha. Marru *honeymoon* ta' erbat ijiem u hekk kif marru id-dar *"mill-ewwel il-konvenuta bdiet turi li kienet imdejqa bil-hajja mizzewga".* Kienet tgerger fuq kollox, ma riditx issajjar, la tnaddaf u lanqas tmur ix-xoghol. Fil-fatt wara erba' xhur waqfet tahdem bl-iskuza li l-fabbrika qed tkecci in-nies. Sussegwentement l-attur sar jaf li mhux veru li l-fabbrika kienet qed tkecci in-nies. L-attur issugerixxa li isib xoghol iehor ghax kellhom bzonn il-flus izda l-konvenuta

ma riditx taf. Rinfaccat b'dawn il-problemi kollha l-attur mar l-Istitut Kattoliku ghal *counselling* fejn qalulu sabiex jipprova jsalva z-zwieg. Dan kollu kien matul l-ewwel sena taz-zwieg. Il-konvenuta kienet tgerger li imdejqa b'din il-hajja. Wara sena u seba xhur twieldet l-ewwel tarbija u f'Marzu 1996 twieled it-tifel.

Illi l-attur jixhed kif iz-ziju Alfred Azzopardi li kien rabbieh qisu missieru, ma kienx jahdem u ghalhekk kien imur id-dar tal-konvenuta waqt li l-attur kien ikun ix-xoghol *"…biex jzomm ghajnejn fuq il-konvenuta u cjoe biex jaccerta ruhu illi hija kienet tkun id-dar u mhux tiggerra barra."* Il-konvenuta kienet infurmat lill-attur li kienet tat cavetta tal-bieb lil dan iz-ziju Alfred ghax hafna drabi kienet tkun fuq il-bejt meta kien jigi. L-attur kien jafdah ghax qatt ma ra ghajn hazina minghandu. *"Jiena kont inqisu bhala missier adottiv tieghi."*

Illi f'Dicemrbu 1997 l-attur kellu argument ma' dan iz-ziju dwar xi hanut u ma baqghux jitkellmu. Fil-fatt dan Alfred Azzopardi rritorna c-cavetta li kellu tad-dar taghhom u ma resaqx aktar lejn id-dar taghhom. Xi sentejn u tlett xhur wara dan l-incident, l-konvenuta informat lill-attur illi z-ziju Alfred u zijtu qeghdin f'proceduri ta' separazzjoni. Il-konvenuta qalet lill-attur li z-ziju Alfred kien talabha tghinu fil-facendi peress illi issa kien wahdu ghax telaq mid-dar konjugali. L-attur, li kien ghad ghandu rispett kbir lejn iz-ziju *nonostante* li iggiedlu, kien accetta.

Illi hawnhekk l-attur beda jissuspetta li kien hemm xi haga bejn l-konvenuta w iz-ziju ghax anki bdew idumu jitkellmu fuq it-telephone u anki filghaxija kienet tohrog mieghu filwaqt li l-attur jibqa' d-dar bit-tfal bl-iskuza li z-ziju kellu bzonn jitkellem ma' xi hadd.

Illi ghal habta ta' Lulju 2000 il-konvenuta harget maz-ziju bit-tfal u ghal xi t-tlieta ta' fil-ghodu cemplet lill-attur u qaltlu li z-ziju ma jistax iwassalha id-dar ghax kien fis-sakra u ghalhekk ghaddiet il-lejl id-dar tieghu. Minn dakinhar bdiet torqod ghand iz-ziju bl-iskuza li irid lil xi hadd jiehu hsiebu ghax kellu l-vizzju tax-xorb. Meta l-attur kien jistaqsija jekk hemmx xi haga bejniethom kienet

taccertah li le specjalment minhabba l-fatt li hi kienet tiehu it-tfal maghha jorqdu hemm ukoll.
Illi f'Awissu tas-sena 2000 it-tifel iz-zghir kien qal lill-attur li kienu jorqdu fl-istess kamra maz-ziju. L-attur u l-konvenuta kellhom argument fuq din il-kwistjoni tal-irqad u hawnhekk l-konvenuta qaltlu bl-istorja kollha.

*"Il-konvenuta ammettiet mieghi illi kienet ilha f'relazzjoni ma' Alfred Azzopardi minn qabel iz-zwieg. Hija qaltli illi kien jiddispjaciha hafna ta' dak kollu li ghamliltli pero' kienet qaltli illi hija kienet bdiet tohrog maz-ziju minn meta kellha sbatax il-sena u kienet immatura ghaz-zwieg….fil-ghaxija kont mort ghand iz-ziju biex nivverifika din il-kwistjoni u z-ziju Alfred Azzopardi ammetta mieghi illi kien veru illi kien ilu f'relazzjoni mal-konvenuta minn qabel iz-zwieg u kien qalli li ma missniex fdajtu u heddidni b'revolver biex nitlaq minn daru."*

Illi l-attur jghid li sallum il-gurnata l-konvenuta ghada tghix maz-ziju. Meta l-attur staqsa lill-kovenuta jekk it-tfal humiex tieghu, irrispondietu li ma tafx u qaltlu immur jghamel it-tests.

Illi fil-kontro-ezami l-attur xehed illi l-konvenuta kienet ghamlet pressjoni kbira fuqu biex jizzewgu u ghalkemm kien sab dar, l-konvenuta ma kinitx tiehu interess. Tant kienet herqana li jizzewgu li ghalqet it-tmintax (18) il-sena fl-ewwel (1) ta' Ottubru u zzewgu fl-erbatax (14) ta' Dicembru. Pero' l-attur ighid li ma kellux fiducja li dan iz-zwieg ser jirnexxi ghax l-konvenuta kienet immatura. Meta kien ighidilha hekk, kienet theddet li ser tghamel suicidju u kienet taghmel xenata.

Illi l-attur xehed illi iz-ziju Alfred kien imur ghalija ix-xoghol ghax kien qal lill-attur li ma jafdahhiex tirritorna l-istitut bil-van "ghax caccaruna". L-attur ma setghax imur ghalija ghax kien ikun ghadu ix-xoghol.

Illi xehdet **Sister Rosalinda Seychell** li kienet responsabbli ghat-tfajliet fl-istitut tal-Buonpastur xehdet illi tiftakar li l-attur u z-ziju tieghu kienu hadu lill-konvenuta l-

istitut u talbuha izzommha ghax kienet iggieldet ma' ommha u ma kelliex ma minn toqghod.

Illi ghalkemm il-konvenuta kellha sittax (16) il-sena kienet ghada immatura hafna anki meta imqabbla ma' tfajliet ohra fl-istitut tal-istess eta' taghha. Ma kinitx thobb issajjar u ghalkemm kienet tahdem ma kinitx taf tigestixxi l-flus u l-mizata tal-kunvent kien ihallasielha l-attur. Il-kunvent kienu jaghlmuhom hafna affarijiet bhal tisjir u kif ghandhom jiehdu hsieb lilhom infushom u kienu jghatuhom il-punti lit-tfaljiet. Fil-kaz tal-konvenuta l-punti kienu dejjem baxxi hafna. Anki dwar il-quddies ta' nhar ta' Hadd, il-konvenuta kienet tghidilha li tmur  meta mhux vera kienet tmur. L-istess xhud qalet wkoll li:-

*"Frank Agius kien jigi l-istitut biex johrogha tlett darbiet fil-gimgha u gieli kont prezenti waqt li kienu qeghdin jitkellmu bejniethom. Niftakar illi kemm il-darba smajt lil Doreen tinsisti ma' Frank Agius biex jfittex jlesti d-dar biex jizzewgu. Nghid illi Doreen Agius kienet tghidlu illi kienet iddejqet toqghod l-istitut u riedet tfittex titlaq minn hemmhekk. Niftakar illi Frank Agius kien jghidilha li ghandhom jiehdu iz-zmien taghhom biex jaghmlu dan il-pass f'hajjiethom;*

*Jien kont kemm il-darba sibtha wahedha u ppruvajt nifthilha ghajnejha illi ma' kinitx lesta ghaz-zwieg minhabba l-immaturita taghha. …Frank Agius kien qalli kemm  il-darba illi ried jipposponi d-data taz-zwieg ghax ma kienx cert minn Doreen. Niftakar darba minnhom, quddiemi stess Frank kien qal lil Doreen illi ahjar ma jizzewgux ghal issa u hija kienet ssuppervjat u sabtet saqajha mal-art u bdiet tibki ghax kellha seba mitt sena biex titlaq mill-istitut."*

Illi  l-istess soru tghid li l-gharajjes tat-tfajliet kellhom permess johorgu mat-tfajliet tlett darbiet fil-gimgha. Pero' f'kas ta' membri tal-familja, kienet tati permess biex jaraw lit-tfajliet anki fi granet ohra.  Sister Seychell xehdet li tiftakar li z-ziju Alfred kien jigi jara lill-konvenuta u dan minghajr ma jkun akkompanjat mill-attur. Sister Seychell ghamlet madwar sena tiehu hsieb lill-konvenuta.

Illi fil-kontro-ezami Sister Seychell regghet tenniet li l-konvenuta kienet immatura. Kienet qisha tifla zghira. Il-konvenuta kienet tghidilha li igri tizzewweg biex titlaq mill-istitut. *"Il-Frankie, l-attur, kienet gennitu biex tizzewweg. L-attur kien ighidlha li ma jistax jifhem ghalfejn daqshekk imgenna biex tizzewweg. Anki Frankie kien ighid li ghada immatura ghaz-zwieg. Meta jien u Frankie gieli ghedniela li mhijiex tajba ghaz-zwieg kienet tissuppervja u tibki. Din grat kemm il-darba. Kienet issabbat saqajha. Bilfors riedet tizzewweg biex titlaq. Jien skonsiljata minn dan il-pass."*

Illi fid-dikjarazzjoni maghmula man-nota tal-eccezzjonijiet l-konventua tghid illi iz-zewgt itfal mhumiex tal-attur kif skond hija jirrizulta mid-DNA tests li saru jew ahjar li ghamlet hija.  Il-konvenuta tghid illi lill-attur qatt ma habbitu u habbet persuna ohra li huwa l-missier tat-tfal.

Illi l-konvenuta xehdet illi l-attur ma jafx ihobb u kien jahqara u kien vjolenti fil-konfront taghha, liema agir huwa frott ta' tfulija tieghu fejn kien esperjenza omocidju doppju tal-genituri tieghu.

Illi dwar il-*background* taghha, l-konvenuta tghid illi qatt ma kellha relazzjoni tajba ma' ommha ghax qatt ma fehmitha u kienet tghidilha li ma tiswa ghal xejn. Kellha relazzjoni tajba hafna ma' missierha li kien jistinka hafna ghal familja w anki kien jiehu hsieb il-'*housework'* kollu bhal tisjir, tindif u hasil ta' hwejjeg.

Illi l-konvenuta tilmenta illi ommha kienet titratta lil huwa hafn'ahjar u kienet taghmel preferenza mieghu. Il-konvenuta qatt ma marret tajjeb ma' huwa anki minhabba il-fatt li kien jaghmel avvanzi sesswali fuqha u dan minn meta kellha tmien snin. Ghalhekk it-tfulija taghha kienet wahda iebsa.

Ili hija tghid li t-tfulija tal-attur ukoll kienet iebsa. Meta kien ghadu zghir hafna  ommu kienet tiehdu maghha meta kienet tmur tiltaqa mall-habib. Meta kellu seba snin l-attur kien ipprova iferraq lill-genituri tieghu meta missieru kien

hebb ghal ommu b'sikkina u sahansitra qatilha. Wara dan, missieru kien qatel lilu innifsu. Dawn l-incidenti kienu impressjonawh hafna lill-attur u kien ighid li lin-nisa ma jafdahhomx.

Illi hija tixhed li l-attur trabba min-nanna u z-zija li kienet mizzewga liz-ziju Alfred Azzopardi. L-attur u dan iz-ziju tar-rispett kienu *'close'* hafna. Jidher illi in-nanna li rabbietu kellha problemi ta' xorb. L-attur u l-konvenuta kienu girien u darba minnhom, meta kellha hmistax il-sena kienet semghet illi l-attur ghandu grazzja maghha. Bdew johorgu flimkien u l-attur, li kellu ghoxrin sena *"kien guvni bil-ghaqal u edukat: kien diga' jahdem u kellu zewg (2) jobs."* Iz-ziju Alfred Azzopardi kien edukhom mill-ahjar u qatt ma halliehom nieqsin minn xejn. Baqghaw johorgu flimkien u ghaddiet sena, izda kienet sena kollha inkwiet ghax omm l-konvenuta ma ridithiex tohrog mall-attur. Darba minnhom omm l-konvenuta qaltilha li trid taghzel bejn il-familja taghha jew l-attur u l-konvenuta ddecidiet li titlaq mid-dar u ma tergax tirritorna lura.

Illi ghalhekk dahlet go l-istitut tat-tfajliet fil-Mosta u hemmhekk il-hajja ma kinitx wahda facli ghax kienu izommulhom id-dixxipplina. Minn hemmhekk beda l-inkwiet mall-attur u l-konvenuta hasset illi aktar ma kellha bzonn l-attenzjoni, aktar ma bediex jghati kasha. *Di piu*, l-attur kien dejjem kif ighid hu u kien jghajjarha hafna tant li kien igghela thossha inkapaci. Hi kienet tirritalja u mhux l-ewwel darba li kien vjolenti maghha. L-attur kien possessiv u egoist. Per ezempju dwar id-dar li xtara l-attur, din ma kinitx toghgobha lill-konvenuta izda l-attur irraguna li galadarba ser jixtrija hu lilu trid toghgob.

Illi l-konvenuta tghid illi *"f'dak iz-zmien tal-istitut, kien hemm persuna ghal kollox differenti minnu, u dan kien jiehu hsiebi u kien ihobbni. Din il-persuna hu Freddie, l-istess persuna li rabba lil Frankie. Tista' tghid li aktar kont inkun ma' Freddie milli ma' Frankie."*

Illi l-konvenuta tghid li kellha gidba kbira lejn Freddie u meta stqarret mieghu dak li thoss ghalih, hemmhekk nibtet ir-relazzjoni taghhom, u dan fi zmien meta l-

kovnenuta kienet ghada l-istitut u kienet gharusa mal-attur.

Illi dwar l-attur l-konvenuta tghid hekk: *"ghadda iz-zmien u ma' Frankie bqajt l-istess: dejjem isawwatni …….fl-ewwel gimgha tat-tieg ukoll beda jghajjarni u jtini mill-aghar u jishet is-siegha u l-mument li zzewwigni."*

Illi l-konvenuta tghid illi ghalkemm kien jaqla' paga tajba kien jatiha biss Lm2 fil-gimgha li wara ftit taz-zmien telghu ghal LM5. Kien jaghmel ix-xirja hu ghax l-konvenuta ma kinitx taf tamministra il-flus. Din is-sitwazzjoni baqghet hekk ghal disa' snin u f'dan iz-zmien il-vjolenza ma waqfitx. Il-konvenuta tghid illi *"…issaportejt dan kollu ghax kont naf li kien hemm Freddie ihobbni…."*

Illi wara sena u seba' xhur kellhom l-ewwel tarbija. *"Kont ferhana hafna ghax kelli tifla u ghax it-tarbija li giet fid-dinja kienet ta' Freddie. Ovvjament, Frankie minghalih li kienet tieghu…"*

Illi l-konvenuta xehdet illi l-attur kien vjolenti maghha anki quddiem it-tifla. Kien issawwatha fuq affarijiet zghar u insinifikanti. Darba bix-xeba li taha meta kienet tqila, kienet anki korriet. Wara sentejn u tmien xhur twieled it-tifel, *"..u anki dan kien minn ta' Freddie..".* Ghalkemm wara it-tieni wild, il-vjolenza naqaset, pero' l-attur baqa pussessiv u lanqas kien ihallija tmur tixtri sa ghand l-ispizjara. Il-konvenuta tiddiskrivi lill-attur bhala *"…l-ewwel hu, it-tieni hu u t-tielet hu."*

Illi l-konvenuta tallega li l-attur lit-tfal qatt ma xtralhom xejn x'jilbsu u kienet tixtrilhom mic-*children's allowance* u dan *nonostante* l-fatt li kien jaqla' madwar Lm600 fix-xahar. Il-konvenuta tghid illi meta kien jatija xi haga zejda tal-flus kien irid jithallas lura sesswalment. Il-konvenuta kienet regghet harget tqila' ghar-raba darba u l-attur kien ghamel xenata, izda il-konvenuta korriet ta' tmien gimghat. Il-konvenuta wkoll tikkontribwixxi dan il-korriment lill-attur ghax tghid illi meta kien jilghab mat-tfal l-attur kien jitfahhomlha fuq zaqqha.

Illi fis-sena 1997 l-attur u z-ziju Freddie kellhom xi jghidu u ma baqghux jitkellmu. Wara ftit anki l-konvenuta kienet waqqfet ir-relazzjoni taghha ma' Freddie. F'dan iz-zmien il-konvenuta kienet anki qabdet habiba u kienu jmorru Paceville flimkien fil-ghaxija. Il-konvenuta tistqarr li meta kienet tmur Paceville ma kinitx tkun liebsa dicenti. *"Kemm il-darba stqarrejt mal-habiba tieghi li kont xbajt minn hajti u li xtaqt immut u kemm il-darba bkejt maghha u hi kienet tghamilli l-kuragg. Bil-lejl dejjem wahdi ghax Frankie kien jahdem bil-lejl ukoll;.*

*Ghaddew sentejn u rega' baghat ghalija Freddie u kont tirt ghax ghalkemm konna mifrudin, f'qalbi xorta kien hemm rokna specjali ghalih. U ergajna qbadna r-relazzjoni ta' bejnietna u kif qbadt ir-relazzjoni mieghu hlift li din id-darba xejn u hadd ma kien ser jifridni minnu."*

Illi hija tghid li f'dan iz-zmien Freddie kien anki telaq lill-mara u beda jghix ghal rasu. Meta Freddie ma kienx ikun jiflah, l-konvenuta kienet tmur torqghod ghand Freddie. L-attur beda jissuspetta xi haga u hemmhekk il-konvenuta iddecidiet tghidlu b'kollox.

Illi l-konvenuta tispicca ix-xhieda taghha bili tghid *"illum xejn ma jiddispjacini milli ghamilt, ghax jien biss naf kemm sibt ferh fil-hajja tieghi u mhabba ta' veru."*
Illi fil-kontro-ezami, il-konvenuta tghid illi *"Jien lil Alfred sive Freddie Azzopardi kont inhobbu sa minn qabel iz-zwieg…..Jien lill-attur kont nuzah sabiex niltaqa ma' Freddie – f'din is-sena lill-attur kont insibu komdu u kont nuzah."*

Illi waqt l-gherusija w anki z-zwieg, il-konvenuta kien ikollha relazzjoni sesswali kemm mall-attur u anki ma' Freddie Azzopardi. *"Jien bqajt f'din ir-relazzjoni ma' Freddie anki wara li zzewwigt. Ir-relazzjoni baqghet kontinwa."*

Illi dwar ir-raguni ghalfejn izzewget, il-konvenuta tghid illi *"Ta' tmintax (18) il-sena trid titlqa mill-Istitut. Kieku ma zzewwigtx ma kontx naf fejn naqbad immur. Jien izzewwigt lill-attur biex ikolli dar fejn noqghod…..Jien*

*izzewwigt lill-attur ta' bilfors biex nibqa' niltaqa' ma' Freddie…"*

Illi waqt iz-zwieg ir-relazzjoni sesswali ta' bejn il-kontendenti ma kinitx wahda tajba ghax il-konvenuta kienet thobb lil Freddie. Waqt li l–attur kien ikun xoghol, Freddie kien imur id-dar tal-konvenuta u anki kellu *'set'* tac-cwievet. Il-konvenuta tghid illi kienet tipprefferi ikollha x'taqsam sesswalment ma' Freddie milli mall-attur.

Illi fil-kontro-ezami il-konvenuta tispjega li meta kienet l-istitut, filwaqt li l-attur seta' jaraha biss tlett darbiet fil-gimgha, Freddie Azzopardi seta imur kemm irid ghax kien parentela u ghalhekk aktar kienet tkun ma' Freddie milli mall-attur. Il-konvenuta tghid carament illi *"jien lill-attur ma kontx inhobbu izda kont nirrispettah. Jien kont naf li xi darba nitilqu lill-attur."*

**II. PRINCIPJI LEGALI.**

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attur ippremetta illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, liema premessa qieghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 225 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni l-attur ippremetta illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement iz-zwieg huwa null liema premessa qieghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fir-raba' premessa tac-citazzjoni l-attur ippremetta illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg, liema premess qieghda tirreferi wkoll ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (f), u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

*" 19(1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi mressqa mill-partijiet u ser tibda tezamina in-nullita ta' dan iz-zwieg fuq dak li jipprovdi **l-paragrafu (f) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap 255.**

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi fid-decizjoni **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza fid-9 ta' Marzu 2000 (Citazz. Nr. 1019/98RCP) il-Qorti sostniet hekk:-

*"Illi l-ligi tipprezumi li l-espressjoni esterna tal-kunsens hija konformi mar-rieda nterna dan sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju;*

*Illi s-simulazzjoni totali tikkonsisti fil-fatt li hemm deskrepanza bejn l-att estern u r-rieda nterna, per ezempju, meta persuna taghmilha li qed tizzewweg meta hi qed tahsen li mhiex qed tizzewweg (interntio non contrahendi). Is-simulazzjoni parzjalti taffettwa element*

*partikolari li hu essenzjali ghaz-zwieg. Illi forma ta' simulazzjoni parzjali hi l-intenzjoni kontra l-fedelta."*

Illi hemm il-Qorti spjegat kif l-attur kellu relazzjoni intima ma' terza persuna qabel iz-zwieg u fl-ebda hin, lanqas waqt il-quddies ma kellu f'mohhu li jwaqqaf ir-relazzjoni li kellu ma' din it-terza persuna. Fl-istess sentenza inghad is-segwenti:-

*"Dan ifisser illi ghalkemm hu taha l-kunsens tieghu ghaz-zwieg esternament, pero' hu kien qed jahseb mod iehor. Hu ma kienx qed jeskludi terzi persuni fir-relazzjoni taghhom matrimonjali. Inoltre hu kompla tali relazzjoni anki waqt z-zwieg u ghada sa llum. Dan jkompli jikkonferma li fil-mument taz-zwieg l-kunsens li taha l-attur kien wiehed invalidu a bazi tas-**subartikolu (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 ta-Ligijiet ta' Malta."***

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nominee"** deciza fit-28 ta' Mejju 2002 (Citazz.1215/01RCP) gie affermat illi:-

*"…meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u cioe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fi-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** deciza fis-26 ta' Novembru 2002 (Citazz umru 1215/01RCP) gie kkonfermat illi:

*"….wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wiehed*

*jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg."*

Illi dan gie ritenut ukoll fil-kaz **"Joseph Sammut vs Graziella Sammut"** deciza fit-28 ta' Msrzu 2003 (Citazz. Nr. 3331/96 RCP).

Illi fil-kuntest ta' simulazzjoni huwa naturali li wiehed ifittex ukoll il-prova tal-mottiv i.e. tal-*finis operis*, liema prova tista' tasal ghaliha bid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet infushom (jekk huma kredibbli), ta' familjari jew ta' hbieb, apparti l-*circumstantial evidence*.

Illi fil-kaz **"Cali vs Dr. Albert S. Grech" (**Prim' Awla 22 ta' Gunju 1988), l-attrici zzewget sabiex tottjeni c-cittadinanza u ghalhekk kien zwieg ta' konvenjenza. Illi f'dik is-sentenza inghad illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Illli dan gie spjegat b'dan il-mod:-

*"…filwaqt li fl-apparenza tkun qed taghti l-kunsens minn gewwa tkun qed teskludi, jew l-istess zwieg jew xi element essenzjali, e.g. li teskludi "till death do us part" tkun qed teskludi element essenzjali skond il-kuncett nisrani taz-zwieg li ghandna insegwu meta ninterpretaw il-ligi taghna".*

Illi fil-kaz **"Galea vs Walshi"** (Prim' Awla 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi fl-istess sentenza nghad ukoll illi *"l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' volonta jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta pozittiva li teskludi tali elementi essenzjali."*

Illi fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (Prim' Awla 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi b'referenza ghal awtur ***Castano***, il-Qorti diversament presjeduta kompliet tikkjarifika illi *"fi kliem iehor, irid ikun hemm il-hsieb maghmul li wiehed jeskludi tali zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu."*

Illi fil-kawza **"Zinn vs Dr. Tonio Mallia et noe",** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awissu 1995, gie ritenut ukoll illi *'positive act of the will'* tista' anki tkun implicita:-

*"Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, il-hsieb maghmul, il-volonta posittiva (fil-mument tal-ghoti tal-kunsens) li wiehed irid jeskludi z-zwieg innifsu jew xi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, tista' tigi manifestata anke implicitament permezz tal-mod ta' kif wiehed igib ruhu u tac-cirkostanzi tal-hajja tieghu."*

Illi fil-kawza **"McKenzie sive McKenzie Macpherson sive Macpherson vs Dr. Anthony Cremona Barbaro et noe"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1983, il-Qorti, kif preseduta mill-kompjant l-Onorevoli Imhallef Prof. Wallace Gulia, emfasizzat illi z-zwieg kien issimulat peress illi l-unika skop taz-zwieg kien sabiex parti minnhom tottjeni residenza f'Ingilterra.

Illi l-istess kien il-kaz **"Gatt vs Gatt"** deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1994**,** fejn il-Qorti rriteniet illi z-zwieg kien issimulat peress illi l-attrici riedet tizzewweg lill-konvenut, li kien Malti, sabiex tottjeni c-cittadinanza Maltija.

Illi fil-kaz **"Conte vs Conte"** deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1994, il-partijiet izzewgu sabiex l-

konvenut, li kien ta' nazzjonalita Taljana, seta' jottjeni '*work permit'* hawn Malta. Il-Qorti osservat illi:-

*"Huma kienu jafu b'dak kollu li kienu dehlin ghalih, pero ma setghux jaghmlu haga ohra hlief illi jizzewgu ghalkemm ma kienux iridu jaghmlu dan il-pass. Dan ifisser illi z-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi dikjarat null mhux minhabba xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew minhabba anomalija psikologika, imma peress li l-kontendenti meta marru ghaz-zwieg, eskludew bl-izjed mod car u pozittiv, haga li fil-fatt esegwew anki bil-hajja taghhom li segwiet, l-elementi kollha li fuqhom huwa mibni z-zwieg."*

Illi kif gie spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi fil-kawza **"Josette Caruana vs Anthony Caruana"** deciza fid-29 ta' April 2003 (Citazz. Nr, 1203/01RCP) il-Qorti qalet hekk:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe saret simulazzjoni parzajli."*

Illi fit-tezi taghha ***Dr. Abigail Attard*** (llum il-Magistrat *Abigail Lofaro***)** spjegat hekk:-

*“The right to fidelity is included in the consent given at marriage and the exclusivity and the right to fidelity is based on the unity of marriage. As the essential exercise of marital love and friendship, the object of conjugal fidelity includes both the conjugal act, as well as the community of life. There must be a total and exclusive sharing of life and a very deep communication between the spouses;*

*If a person contracts marriage with a deliberate intention of retaining the right to perform the conjugal act with a person other than his spouse, he contracts invalidly. Marriage demands a total fidelity from the spouses, and an unbreakable union between them.”*

Illi fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Av, Christopher Cilica et noe” d**eciza fl-10 ta’ Novembru 1999 (Cit. Nr. 3130/96NA) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”*

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta’ l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe’ simulazzjoni parzjali, fi-kawza **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe”** (14 ta’ Lulju 1994) gew elenkati l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala dawk li jikonsistu fil-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt u l-obbligu

ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll f' **"Aquilina vs Aquilina"** (Prim'Awla 30 ta' Jannar 1991) u f' **"Grech vs Grech"** (Prim'Awla 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cioe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali w ir-responsabilita' tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz fl-ismijiet "**Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-Consortium Vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali w i r-responsabilita' tal-familja."*

Illi l-Qorti ser tghaddi issa sabiex tezamina in-nullita ta' dan iz-zwieg fuq dak li jipprovdi **l-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jghatu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cioe' *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt ta' zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita li

jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irrid jigi mghoti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn min-nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie mghoti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il-matrimonio, in quanto patto ossia foedus….richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita." (***Forum** *1990. Vol 1, part 1, pg.72).*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Sammut vs Graziella Sammut"** deciza fil-25 ta' Marzu 2003 (Citazz. Nr. 3331/96RCP) saret referenza ghal-kawza **"Haidin vs Haidin"** (P.A. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994) fejn dik il-Qorti qalet hekk:-

*"Illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li gghieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghti t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life."*

Illi l-kuncett ta' *discretio judicii* ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-present kif ukoll fil-futur. *Inoltre*, l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta'

xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjesta mill-ligi.

Illi ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d), Dr. Abigail Attard** (illum il-Magistrat Abigail Lofaro), fit-tezi taghha *"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"* tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pagna 42).

Illi l-kliem fil-Ligi *"difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha"* jirreferu ghal uzu sufficjenti tal-kapacitajiet intelletwali u volatili, li wiehed ghandu jkollu biex jidhol ghaz-zwieg. Il-persuna trid tkun taf xi trid u trid tkun kapaci taghmel decizjoni hielsa u volontarja. Il-persuna trid tifhem u tixtieq l-implikazzjoni tal-kunsens taz-zwieg, irid ikun jaf x'inhuma d-drittijiet, dmirijiet u obligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Nicholas Agius vs Rita Agius nee Caruana"** (P.A. 25 ta' Mejju 1995) qalet li:-

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' immaturita li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata il-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addiritura ebda zwieg ma kien ikun validu."*

Illi fis-sentenza mghotija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994**,** gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza gie citat dak li jghid **Bersini** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva…..La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore….Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente una sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro: (***Il-Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini** – *Torino 1994)*

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe', dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga w ikunu ghalhekk kapaci jerfghu w iwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzali, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elemeni li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni w it-trobbija ta' l-ulied.

Kif spjega il-gurista ***Bersini:-***

*"la discrezione di gudizio consta di due elementi distinti ma concorrenti e indipendenti: la piena avvertenza e il deliberato consenso. Solo quando l-individuo e' capace della piena comprensione morale e giuridica dell'atto che compie e della perfetta liberta' di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo' dire che egli l'abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato consenso, cioe nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio"* (***Bersini, F.,*** **Il-Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci** (Trino) 1994, pg.97)

Illi fil-kawza **"John Richards vs Margaret Richards"** deciza fit-30 ta' Otturbu 2002 (Citazz. Nr. 1351/99RCP) inghad li *"biex ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku jew kostituzzjonali, li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali".* Kif fissret din Qorti, anke diversament presjeduta f'diversi sentenzi fosthom **"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** (P.A. 21 ta' Novembru 1995)**;** **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"** (P.A. 20 ta' Mejju 1996) u **"Sandro Sciberras vs Janet Briffa gia Sciberras"** (P.A. 16 ta' Jannar 1998) dan id-difett ta' kunsens kif ravvizat fil-ligi taghna m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici inkompatibilita' ta' karattru, jew ma' decizjoni zbaljata. F'dan ir-rigward huwa ferm rilevanti dak li osservat il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** P.A. 14 ta' Awissu 1995, fejn intqal hekk:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal*

*freedom, that is, that capacity to deliberate with sifficient wieghting of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi fil-kawzi fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porcella Flores et noe"** deciza fit-18 ta' Jannar 2000 (Cit. nr. 2443/97RCP) u f'**"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** deciza fis-26 ta' Novembru 2002, din il-Qorti hekk presjeduta qalet illi fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255** ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-Qorti hi tal-fehma illi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children, and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with there essential characteristics*" (**Viladrich, P.J.** *op.cit.p.687).*

Il-Qorti terga taghmel referenza ghall-esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is a grave lack of discretion of judgment when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This*

*community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* ***(Viladrich, P.J.*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p.686)

Illi l-Qorti regghet sostniet din l-interpretazzjoni f’diversi sentenzi fosthom f’ “**Josette Lungaro vs Jesmond Lauro”** deciza fl-1 ta’ Frar 2001 P.A. RCP u f’ **“Josette Caruana vs Anthony Caruana”** deciza fid-29 ta’ April 2003 (Citazz. Nr. 2589/00RCP).

Illi ‘n kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijit essenzjali taz-zwieg, il-Qorti **f’ “Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia Borg”** deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999 (Citazz. Nr. 1564/97RCP) riteniet illi *“l-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku (Can.1095(3)) tirrikjedi mhux semplici diffikulta izda impossibilita’ li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita’ jew impossibilita’ vera f’dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita di intendere e/o di volere. L’incapacita di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”,* jghid ***Bersini****, “rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ipotesi…...che al momento di contrarre le noze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso”* (***Bersini, F.*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale.** Torino 1994  p99).

## III. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward, u b’applikazzjoni tal-principji fuq esposti ghall-kaz *de quo* mill-provi prodotti rrizulta li  meta l-konvenuta zzewget il-kunsens taghha kien vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**. Ineffetti sa minn qabel iz-zwieg hija kellha relazzjoni ma’ terza persuna, liema persuna kienet iz-ziju tar-rispett tal-attur. Din ir-relazzjoni kompliet anki wara iz-zwieg u sal-gurnata

tallum ghadhom ighixu flimkien, wara li hija abbandunat id-dar tal-attur. Sahansitra minn din it-terza persuna l-konvenuta tallega li kellha wkoll zewgt itfal meta l-attur kien taht l-impressjoni li dawn it-tfal kienu tieghu.

Illi allura din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha, u wkoll ir-rapport peritali, tista' tghid li jirrizulta car illi meta l-partijiet izzewgu, il-konvenuta kienet eskludiet pozittivament iz-zwieg innifsu specjalment l-obbligu ta' fedelta'. Dan hareg car kemm mill-komportament taghha qabel u wara z-zwieg u anki mill-ammissjoni taghha stess dwar ir-relazzjoni li kellha u ghandha ma' Alfred Azzopardi.

Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li l-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg u dan peress li fl-ebda mument ma' kienet thobb lill-attur, izda lill-persuna ohra li kellha gja relazzjoni maghha u kienet intenzjonata, kif fil-fatt ghamlet, li tkompli jkollha relazzjoni maghha, anke fiz-zwieg taghha mal-attur, b'dan ghalhekk li l-kunsens taghha kien simulat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi fil-kuntest ta' l-ezami tal-provi ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u b'referenza ghall-esposizzjoni tal-aspetti legali tal-kuncett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga w id-dmirijiet essenzjali taghha pprezentat iktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti hija konvinta illi kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju wkoll fil-kunsens tal-konvenuta.  Il-provi kollha juru carament  illi ma kellhiex dik il-kapacita' rikjesta mill-ligi u mill-gurisprudenza taghna kif fuq spejgat sabiex tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg u hareg car illi kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u  fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi mix-xhieda mressqa johrog car illi il-konvenuta mhux biss ma kellhiex il-kapacita' li taghti l-kunsens, izda l-kunsens li tat ma inghatax b' mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg.  Kif hareg car mix-xhieda tal-attur, tal-konvenuta u ta' Sister Rosalinda Syechell, il-konvenuta ma kellhiex dik il-maturita affettiva

u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-emozzjonijiet u s-sentimenti taghha fil-konfront tal-attur. Il-konvenuta ma kellhiex dik il-maturita' li taghmilha kapaci tirrifletti fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u tkun ghalhekk kapaci terfa' u twettaq l-istess matul il-hajja matrimonjali taghha.

Illi fil-fatt il-konvenuta wzat lill-attur ghal zewg ragunijiet:- sabiex titlaq mill-Istitut u jkollha dar fejn tghix u biex *tramite* l-attur tkun tista' tkompli bir-relazzjoni li kellha maz-ziju tar-rispett tieghu. Il-konvenuta stess xehdet illi *"lill-attur ma tlaqtux ghax lil Freddie ma stajtx nizzewgu ghax kien diga' mizzewweg…Jien lill-attur kont nuzah sabiex niltaqa' ma' Freddie – f'dan is-sens lill-attur kont insibu komdu u kont nuzah….Jien izzewwigt lill-attur biex ikolli dar fejn noqghod."* Il-konvenuta ma kinitx fidila lejn l-attur qabel iz-zwieg u lanqas wara iz-zwieg. Biz-zwieg taghha mall-attur ma tbiddel xejn u baqghet tghix il-hajja taghha qisa' qatt ma zzewget.

Illi Rigward l-attur, il-konvenuta taghmel diversi allegazzjonijiet ta' vjolenza fizika, izda dawn l-allegazzjonijiet ma gewx korroborati, la b'evidenza dokumentarja u lanqas permezz ta' xhieda. Ghalhekk, l-Qorti thoss illi ma tistax taghti piz lil dawn l-allegazzjonijiet.

Illi dawn ghalhekk huma kollha provi konkreti li l-konvenuta ma kinitx lahqet il-grad rikjest mill-ligi ta' diskrezzjoni tal-gudizzju u ghalhekk f'dan il-kaz jista' jinghad li kien hemm difett fil-kunsens taghha w allura meta hija tat il-kunsens taghha, dan kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Jirrizulta bla dubbju ta' xejn li l-konvenuta dahhlet ghaz-zwieg bhala xi haga temporanja, sabiex tinqeda u minghajr hsieb li tibqa' marbuta ghal hajjietha kollha bl-obbligi w id-dmirijiet li jmorru ma' dan l-istitut.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tasal ghal konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ukoll minhabba li l-kunsens tal-konvenuta

kien vizzjat *ai termini* tas-**sub-inciz (d) tal-artikolu 19(1) tal-Kap.155.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq l-ammissjoni tal-konvenuta, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-14 ta’ Dicembru 1991 huwa null u bla effett legali u dan *stante* li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

BI-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------